MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2011

Numru. 26/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Carlos Aquilina ta' 19-il sena, bin Carmelo u Josephine nee' Muscat,
imwieled Pieta', nhar id-29 ta' Ottubru, 1989, residenti fil-fond 'Notre Dame', Triq l-Ewwel ta' Jannar 1626, Ghaxaq u/jew 15,
Solitare, Triq Titu Brandsma, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 500489(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Carlos Aquilina li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-01 ta' Gunju, 2009, u matul l-ahhar hames xhur ta' qabel, gewwa Marsalforn

(Ghawdex) u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti;

a) Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) u (c) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;
Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsuens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Jannar 2010;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula u fid-dawl tal-provi mismugha, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fedina penali tieghu li ma hijiex allarmanti;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u Regolament 9 LS 101.02 tal-Ligjiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu

446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta kundizzjonata;

Finalment il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-dokument JM.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------